

32006R1832

L 354/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.12.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1832/2006****tat-13 ta' Diċembru 2006****li jistabbilixxi l-miżuri ta' transizzjoni għas-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 41 u l-Artikolu 21 tiegħu flimkien ma' punt 4 ta' l-Artikolu 3(a) ta' l-Anness V tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-regoli li jikkonċernaw l-arranġamenti ta' produzzjoni u kummerċ għas-suq taz-zokkor imdaħħal fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor<sup>1</sup> permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, għandhom ikunu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007, soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' Adeżjoni f'dik id-data. Madankollu, għas-sena tas-suq 2006/2007, il-produzzjoni kollha taz-zokkor tal-pitravi fil-Bulgarija u fir-Rumanija tkun ġiet prodotta skond l-arranġamenti nazzjonali. Miżuri tranżitorji huma għalhekk meħtieġa li jbiddu l-arranġamenti għall-produzzjoni u l-kummerċ preżenti fis-seħħ fil-Bulgarija u fir-Rumanija għal dawk ipprovduti fir-Regolament (KE) Nru 318/2006. Bħala konsegwenza, id-dispożizzjonijiet għal prezzijiet minimi taz-zokkor tal-pitravi, il-ftehimiet inter-professjonali u l-allokkazzjoni tal-kwota pprovduti skond l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 ma għandhomx japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija fis-sena tas-suq 2006/2007.
- (2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor (traduzzjoni mhux uffiċjali) fil-Kommunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament ta' politika agrikola komuni<sup>2</sup> (traduzzjoni mhux uffiċjali) jistabbilixxi d-data ta' l-għeluq għat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għar-ristrutturar fil-31 ta'

<sup>1</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1585/2006 (ĠU L 294, 25.10.2006, p. 19).

<sup>2</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.

- Lulju 2006 fir-rigward tas-sena tas-suq 2006/2007. Għalhekk ma kienx possibbli għall-intrapriżi stabbiliti fil-Bulgarija u fir-Rumanija li jressqu applikazzjonijiet għall-għajjnuna għar-ristrutturar għal dik is-sena ta' *marketing*. Dawk l-intrapriżi għalhekk ma għandhomx ikollhom iħallsu l-ammont għar-ristrutturar ipprovdut skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 fir-rigward tas-sena tas-suq 2006/2007.
- (3) Fil-każ ta' l-isoglukożju, il-produzzjoni hija stabbli u konformi mad-domanda. Jeħtieġ li, għal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru 2007, jiġu determinati l-kwoti nazzjonali xierqa għall-isoglukożju għall-Bulgarija u għar-Rumanija sabiex jiġi żgurat il-bilanċ bejn il-produzzjoni u l-konsum fil-Komunità, kif kostitwita fl-1 ta' Jannar 2007. Dawk il-kwoti tranżitorji ta' l-isoglukożju għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi *pro rata temporis*.
- (4) Sabiex l-impriżi stabbiliti fil-Bulgarija u fir-Rumanija jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskema ta' ristrutturar stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 bl-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-impriżi stabbiliti fil-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006, jeħtieġ li jsiru ċerti aġġustamenti fir-rigward tas-sena tas-suq 2007/2008, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ordni kronoloġika msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità<sup>3</sup>.
- (5) F'konfomità ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-provvista miftiehma tal-ħtieġa għaz-zokkor mhux maħdum għar-raffinar hija 198 748 tonnellata għall-Bulgarija u 329 636 tonnellata għar-Rumanija għal kull sena ta' *marketing*. Iżda l-kwantitajiet tal-ħtieġa tal-provvista tradizzjonali ddistribwiti għall-Bulgarija u għar-Rumanija għandhom jiġu mnaqqsa fuq bażi *pro rata temporis* sabiex jirriflettu l-fatt li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom biss jipparteċipaw fis-sena tas-suq 2006/07 matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Settembru 2007.
- (6) L-irfinaturi *full-time* fil-Bulgarija u fir-Rumanija jserħħu l-biċċa l-kbira fuq l-importazzjoni ta' zokkor tal-kannamieli mhux maħdum minn fornituri tradizzjonali ta' ċerti pajjiżi terzi. Għalhekk il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill sabiex għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009<sup>4</sup> jinfetħu l-kwoti tariffarji ta' importazzjoni ta' zokkor bħal dan minn kwalunkwe pajjiż terz. Madankollu, sabiex ma titwaqqafx il-provvista taz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum għall-irfinaturi f'dawn l-Istati Membri fil-mument ta' l-adeżjoni, qed jitqies neċessarju li jiġu adottati l-miżuri tranżitorji għall-iskop tal-ftuħ ta' kwoti tariffarji bħal dawn fl-1 ta' Jannar 2007.
- (7) Il-kwoti tariffarji tranżitorji li ġew miftuħin għall-Bulgarija u għar-Rumanija skond dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss sakemm il-Kunsill jadotta l-miżuri permanenti.

<sup>3</sup> ĠU L 176, 30.6.2006, p. 32.

<sup>4</sup> COM(2006) 798 finali tat-13 ta' Diċembru 2006.

- (8) Liċenzi ta' importazzjoni li nħarġu taħt il-kwoti tariffarji li ġew miftuħin permezz ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ristretti għall-irfinaturi *full-time* tal-Bulgarija u tar-Rumanija.
- (9) L-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni applikabbli għall-importazzjonijiet taħt il-kwoti tariffarji li ġew miftuħin permezz ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti fuq livell li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta fis-suq Komunitarju taz-zokkor, iżda li ma jkunux projbittiv għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u fir-Rumanija. Meta wieħed iqis li l-importazzjonijiet taħt dawn il-kwoti tariffarji jistgħu jsiru minn kwalunkwe pajjiż terz, huwa għalhekk xieraq li l-livell ta' multi fuq l-importazzjoni jiġi stabbilit fi € 98 għal kull tunnellata, li jiġi l-istess livell stabbilit fir-rigward tal-konċessjonijiet CXL fuq iz-zokkor skond l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar ta' prodotti taz-zokkor taħt ċerti kwoti tariffarji u skond l-ftehimiet preferenzjali<sup>5</sup>.
- (10) Hemm riskju konsiderevoli ta' tfixkil fis-swieq tas-settur taz-zokkor permezz tad-dħul ta' prodotti fil-Bulgarija u fir-Rumanija minn qabel l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea għal skopijiet ta' spekulazzjoni. Dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għandhom għalhekk isiru sabiex jiġu evitati tali movimenti spekulattivi jew tfixkil ieħor tas-suq. Dispożizzjonijiet simili diġa ttieħdu permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1683/2006 ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar miżuri tranżizzjonali li għandhom jiġu adottati fir-rigward tal-kummerċ ta' prodotti agrikoli minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija<sup>6</sup>. Regoli speċifiċi huma meħtieġa sabiex jitqiesu l-partikolaritajiet tas-settur taz-zokkor.
- (11) Dispożizzjonijiet għandhom jittieħdu sabiex l-operaturi jinżammu milli jevitaw l-applikazzjoni ta' multi fuq ċerti prodotti taz-zokkor li qegħdin f'ċirkulazzjoni libera billi jpoġġu ċerti prodotti li diġa nħelsu għal ċirkulazzjoni libera fil-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fil-Bulgarija jew fir-Rumanija qabel l-adeżjoni tagħhom taħt reġim sospensiv, jew f'ħażna temporanja jew skond wieħed mit-trattamenti jew proċeduri msemmija fl-Artikoli 4(15)(b) u (16)(b) sa (g) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>7</sup>.
- (12) Barra min hekk, u b'konformità ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, kwantitajiet ta' ħażniet taz-zokkor jew ta' isoglukożju li jiskorru l-ħażna normali li tgħaddi għas-sena ta' wara għandhom ikunu eliminati mis-suq a skapitu tal-Bulgarija u tar-Rumanija. Id-determinazzjoni ta' ħażniet żejda għandha tkun maħruġa mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' żviluppi kummerċjali u xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum fil-Bulgarija u fir-Rumanija matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006. Għal din il-proċedura, minbarra zokkor u isoglukożju, prodotti oħrajn b'kontenut sinifikanti ekwivalenti għal zokkor miżjud għandhom ukoll ikunu kkunsidrati billi jistgħu jkunu wkoll miri possibbli ta' spekulazzjoni. Fil-każ li l-

<sup>5</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 314, 15.11.2006, p. 18.

<sup>7</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

- kwantità żejda determinata ta' zokkor u isoglukożju ma hix eliminata mis-suq tal-Komunità sa mhux iktar tard mit-30 ta' April 2008, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikunu responsabbli finanzjament għall-kwantità rilevanti.
- (13) L-ammont tal-multa għall-Bulgarija u għar-Rumanija li jiġi assenjat lill-baġit Komunitarju fin-nuqqas ta' l-eliminazzjoni ta' ħażniet żejda għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' l-ogħla differenza pożittiva bejn il-prezz referenzjali ta' zokkor abjad stabbilit bis-EUR 631.9 għal kull tunnellata skond l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-prezz tas-suq dinji għaz-zokkor abjad matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' April 2008. Għall-iskopijiet ta' dan il-kalkolu, il-medja tal-kwotazzjonijiet għax-xahar fis-suq tal-*futures* ta' Londra Nru. 5 għaz-zokkor abjad fl-eqreb medda, jiġifieri l-eqreb xahar tal-kunsinna li matulu l-kummerċ taz-zokkor huwa possibbli, għandhu jitqies bħala l-prezz tas-suq dinji.
- (14) Huwa fl-interess kemm tal-Komunità kif ukoll tal-Bulgarija u tar-Rumanija li ma jħallux ħażniet żejda jakkumulaw u f'kwalunkwe każ ikunu kapaċi jidentifikaw dawk l-operaturi jew individwi involuti f'movimenti kbar ta' kummerċ spekulattiv. Għal dak il-għan il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikollhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 sistema li tippermettilhom jidentifikaw lil dawk responsabbi għal tali żviluppi. Din is-sistema għandha tippermetti lill-Bulgarija u lir-Rumanija jidentifikaw l-operaturi ekonomiċi li kkontribwixxew għall-kwantità żejda msemmija fil-premessa 12 bil-għan li jirkupraw, kemm jista' jkun possibbli, l-ammonti assenjati fil-baġit Komunitarju. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jużaw din is-sistema biex iġiegħlu lill-operaturi identifikati jneħħu il-kwantitajiet individwali tal-ħażniet żejda tagħhom mis-suq Komunitarju. Meta l-operaturi identifikati ma jistgħux jipprovdu provi xierqa ta' eliminazzjoni għandhom jiġu immultati EUR 500 għal kull tunnellata (ekwivalenti għal zokkor abjad) għaz-zokkor żejjed li ma ġiex eliminat. Dan huwa l-istess ammont stabbilit għall-imposta ipprovduta skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 fir-rigward ta' produzzjoni ta' zokkor 'il fuq mill-kwota<sup>8</sup>. Filwaqt li kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll djar privati jistgħu jikkontribwixxu għall-kwantità żejda msemmija fil-premessa 12, aktarx se jkunu l-aktar l-operaturi. Madankollu, ma huwiex prattikabbli li d-djar privati jiġu kostretti li jikkontribwixxu għal dan l-ammont.
- (15) Għad-determinazzjoni ta' ħażniet żejda u ta' l-eliminazzjoni ta' ħażniet żejda identifikati, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-istatistiċi l-iktar reċenti dwar il-kummerċ, il-produzzjoni u l-konsum tal-prodotti kkunsidrati, kif ukoll prova ta' eliminazzjoni mis-suq tal-ħażniet żejda identifikati sad-data ta' skadenza stipulata.
- (16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>8</sup> ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.

# KAPITOLU I

## MIŻURI TRANŻITORJI MINĦABBA L-ADEŻJONI TAL-BULGARIJA U TAR-RUMANIJA

### TAQSIMA 1

#### L-APPLIKABILITÀ TA' L-OSK (CMO) GĦAZ-ZOKKOR U L-ISKEMA GĦAR-RISTRUTTURAR TEMPORANJU

##### *Artikolu 1*

*L-applikabilità ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 318/2006 u (KE) Nru 320/2006*

1. L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 ma japplikawx għall-Bulgarija u għar-Rumanija għas-sena tas-suq 2006/2007.

Madankollu l-Artikolu 7 għandu japplika fir-rigward ta' l-allokkazzjoni fl-2007 tal-kwoti nazzjonali li se jibdew japplikaw mis-sena tas-suq 2007/2008 u l-kwoti ta' isoglożju indikati fil-paragrafu 2.

2. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Settembru 2007, il-kwoti nazzjonali ta' isoglukożju għall-Bulgarija u għar-Rumanija għall-finijiet ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament 318/2006 għandhom ikunu kif ġej:

	<b>Kwota nazzjonali f'tunnellati ta' materja xotta</b>
<b>Il-Bulgarija</b>	<b>50 331</b>
<b>Ir-Rumanija</b>	<b>8 960</b>

3. Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Settembru 2007, il-ħtieġa ta' provvista tradizzjonali għall-Bulgarija u għar-Rumanija għall-finijiet ta' l-Artikolu 29 tar-Regolament 318/2006 għandhom ikunu kif ġej:

	<b>Il-ħtieġa ta' provvista tradizzjonali ddistribwita f'tunnellati ta' zokkor abjad</b>
<b>Il-Bulgarija</b>	<b>149 061</b>

**Ir-Rumanija****247 227***Artikolu 2**L-iskema għar-ristrutturar temporanju*

1. Dan il-paragrafu għandu japplika biss jekk l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għar-ristrutturar, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 968/2006, fir-rigward tas-sena tas-suq 2006/2007 jitressqu qabel l-1 ta' Jannar 2007 fil-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006. Id-data ta' l-ewwel waħda mit-tali applikazzjonijiet għandha tiġi msejħa "d-data ta' referenza."

Meta l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għar-ristrutturar skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 968/2006, fir-rigward tas-sena tas-suq 2007/2008, jitressqu fil-Bulgarija u fir-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007, jew wara, il-perjodu ta' żmien bejn id-data ta' referenza u l-1 ta' Jannar 2007 ma jkunx meqjus għal dawk l-applikazzjonijiet biex tiġi stabbilita l-ordni kronoloġika msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 968/2006.

2. Fir-rigward tal-konsultazzjoni mmexxija fil-qafas tal-ftehimiet rilevanti fi ħdan il-kummerċ kif imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, il-Bulgarija u r-Rumanija jistgħu, għas-sena tas-suq 2007/2008, jikkunsidraw l-konsultazzjonijiet immexxija fil-qafas tal-ftehimiet li seħħew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ukoll jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 968/2006.

**TAQSIMA 2****IL-FTUĦ TAL-KWOTI TARIFFARJI GħAR-RAFFINAR***Artikolu 3**Il-ftuħ tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni taz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum għar-raffinar*

1. Għas sena tas-suq 2006/2007, il-kwoti tariffarji għat-total ta' 396 288 t f'ekwivalenza ta' zokkor abjad għall-importazzjoni taz-zokkor ta' kannamieli mhux maħdum minn kwalunkwe pajjiż terz għar-raffinar, fl-isfera tal-Kodiċi NM 1701 11 10 għandhom jinfetħu suġġetti għal dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata.

Il-kwantità importata għandha tiġi mqassma kif ġej:

Il-Bulgarija: 149 061 tunnellata;

Ir-Rumanija: 247 227 tunnellata.

2. Il-kwantitajiet importati skond dan ir-Regolament għandhom ikollhom in-numru tas-serje kif jidher fl-Anness I.

*Artikolu 4**L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 950/2006*

Ir-regoli dwar il-liċenzji ta' importazzjoni u l-ħtiġijiet tal-provvista tradizzjonali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 950/2006 għandhom japplikaw għall-importazzjoni taz-zokkor skond il-kwoti tariffarji miftuħin permezz tar-Regolament preżenti, sakemm mhux provdut mod ieħor fl-Artikolu 5.

*Artikolu 5**Il-liċenzji ta' importazzjoni*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija u tar-Rumanija kif jixraq.
2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni jistgħu jitressqu biss mill-irfinaturi *full-time* stabbiliti fit-territorju tal-Bulgarija u tar-Rumanija u li huma approvati skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006.
3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni u l-liċenzji għandhom ikollhom l-annotazzjonijiet li ġejjin:
  - (a) fil-kaxxi 17 u 18: il-kwantitajiet ta' zokkor mhux maħdum, fekwivalenti ta' zokkor abjad, ma jistax jeċċedi l-kwantitajiet għall-Bulgarija u għar-Rumanija indikati rispettivament taħt l-Artikolu 3(1);
  - (b) fil-kaxxa 20: ta' l-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati f'parti A ta' l-Anness II;
  - (c) fil-kaxxa 24 (fil-każ ta' liċenzji): ta' l-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati f'parti B ta' l-Anness II.
4. Il-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament għandhom ikunu validi biss għall-importazzjonijiet fl-Istat Membru li fih ġew maħruġa. Għandhom jibqgħu validi sat-tmiem is-sena tas-suq 2006/2007.

*Artikolu 6**It-tmiem ta' l-applikazzjoni*

Il-kwoti tariffarji miftuħin skond dan ir-Regolament għandhom japplikaw sakemm jidħol fis-seħħ Regolament tal-Kunsill li jiftaħ il-kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u fir-Rumanija taz-zokkor tal-kannamieli mhux maħdum għall-forniment ta' l-irfinaturi fil-perjodu wara l-1 ta' Jannar 2007.

**KAPITOLU II****MIŻURI TRANŻITORJI BIEX JEVITAW L-ISPEKULAZZJONI U DISTURBI FIS-SUQ**

*Artikolu 7*  
*Id-definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "zokkor" ifisser:
  - (i) zokkor tal-pitravi u tal-kannamieli, f'forma solida, li jaqa' fl-isfera tal-Kodiċi NM 1701;
  - (ii) ġulepp taz-zokkor li jaqa' fl-isfera tal-kodiċi NM 1702 60 95 u 1702 90 99;
  - (iii) ġulepp ta' l-inulina li jaqa' fl-isfera tal-kodiċi NM 1702 60 80 u 1702 90 80;
- (b) "isoglukożju" ifisser il-prodott li jaqa' fl-isfera tal-kodiċi NM 1702 30 10, 1702 40 10, 1702 60 10, 1702 90 30 u 2106 90 30;
- (c) "prodotti proċessati" ifissru prodotti li għandhom kontenut ekwivalenti ta' zokkor miżjud/zokkor li jiskorru 10 %, li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli;
- (d) "fruktows" ifisser fruktows kimikament pur li jaqa' fl-isfera tal-kodiċi NM 1702 50 00.

## TAQSIMA 1

### PRODOTTI LI JAQGĦU TAĦT TRATTAMENTI U PROĊEDURI DOGANALI PARTIKOLARI FID-DATA TA' L-ADEŻJONI

*Artikolu 8*  
*Ir-reġim sospensiv*

1. Permezz ta' deroga għall-Artikolu 4 ta' l-Anness V ta' l-Att ta' l-Adeżjoni u għall-Artikoli 20 u 214 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 il-prodotti li jaqgħu fl-isfera tal-kodiċi NM, 1701, 1702, 1704, 1904, 1905, 2006, 2007, 2009, 2101 12 92, 2101 20 92, 2105 u 2202 minbarra dawk li jidhru fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1683/2006, li qabel l-1 ta' Jannar 2007 kienu f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006 jew fil-Bulgarija jew fir-Rumanija, u li fl-1 ta' Jannar 2007 qegħdin f'ħażna temporanja jew taħt wieħed mit-trattamenti jew proċeduri doganali msemmija fl-Artikolu 4(15)(b) u (16)(b) sa (g) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 fil-Komunità mkabbra, jew li qegħdin f'trasportazzjoni, wara li ġew soġġetti għall-formalitajiet ta' esportazzjoni fi ħdan il-Komunità mkabbra, meta jirriżulta dejn doganali fuq l-importazzjoni, għandhom jiġu mitluba jħallsu d-dazju fuq l-importazzjoni skond parti tnejn ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>9</sup> kif japplika fid-data meta jaqa' d-dejn doganali, inkluż id-dazji addizzjonali, fejn japplika.

---

<sup>9</sup> ĠU L 256, 7. 9.1987, p. 1.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax għal prodotti esportati mill-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006 jekk l-importatur jagħti prova li ma ntalab ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodotti ta' l-Istat Membru fejn saret l-esportazzjoni. Fuq talba ta' l-importatur, l-esportatur għandu jirringa sabiex iġib awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti fuq id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni li r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni ma ġietx mitluba għall-prodotti ta' l-Istat Membru fejn saret l-esportazzjoni.

2. Permezz ta' deroga għall-Artikolu 4 ta' l-Anness V ta' l-Att ta' l-Adeżjoni u għall-Artikoli 20 u 214 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, il-prodotti li jaqgħu fl-isfera tal-kodiċi NM, 1701, 1702, 1704, 1904, 1905, 2006, 2007, 2009, 2101 12 92, 2101 20 92, 2105 u 2202 minbarra dawk li jidhru fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1683/2006, li jidħlu minn pajjiżi terzi u li għaddejin minn ipproċessar tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 4(16)(d) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jew minn aċċess temporanju msemmi fl-Artikolu 4(16)(f) ta' dak ir-Regolament fil-Bulgarija jew fir-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007, meta jirriżulta dejn doganali ta' importazzjoni, għandhom jiġu mitluba jħallsu d-dazju fuq l-importazzjoni skond parti tnejn ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 kif japplika fid-data meta jaqa' d-dejn doganali, inkluż id-dazji addizzjonali, fejn japplika.

## TAQSIMA 2

### IL-KWANTITAJIET ŻEJDA

#### *Artikolu 9*

#### *Id-determinazzjoni ta' kwantitajiet żejda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2007, għall-Bulgarija u għar-Rumanija rispettivament, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006,
  - (a) il-kwantità ta' zokkor infushom jew fi prodotti ipproċessati (l-ekwivalenti f'zokkor abjad);
  - (b) il-kwantità ta' l-isoglukożju (materja xotta);
  - (c) il-kwantità tal-fruktowsli jeċċedi l-kwantità kkunsidrata bħala l-ħażna normali li tgħaddi għas-sena ta' wara fl-1 ta' Jannar 2007 u li għandu jiġi eliminat mis-suq a skapitu tal-Bulgarija u tar-Rumanija.
2. Sabiex dawn il-kwantitajiet żejda imsemmija f'paragrafu 1 jiġu determinati, għandu jitqies, partikolarment, l-iżvilupp li sar bejn l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006, fir-rigward tat-tliet snin ta' qabel, inkluż mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2005, ta':

- (a) kwantitajiet ta' zokkor infushom importati u esportati jew fi prodotti ipproċessati, isoglukożju u fruktows;
- (b) il-produzzjoni, konsum u ħażniet ta' zokkor u isoglukożju;
- (c) iċ-ċirkostanzi li fihom il-ħażniet ġew miġmugħa.

#### *Artikolu 10*

##### *L-identifikazzjoni tal-kwantitajiet żejda fil-livell ta' l-operaturi*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikollhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, sistema għall-identifikazzjoni fil-livell ta' l-operaturi, ta' kwantitajiet żejda negozjati jew prodotti ta' zokkor innifsu jew fi prodotti ipproċessati, isoglukożju jew fruktows. Dik is-sistema tista' b'mod partikolari tistrieħ fuq kontroll ta' importazzjoni, sorveljanza fiskali, stħarriġ ibbażat fuq il-kontinwazzjoni u l-ħażniet fiżiċi ta' l-operaturi, u jinkludu miżuri bħal garanziji ta' riskju u liċenzji ta' importazzjoni.

Is-sistema ta' identifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni ta' riskju li tiegħu f'kunsiderazzjoni dovut b'mod partikolari l-kriterji segwenti:

- (a) it-tip ta' attivita' ta' l-operaturi kkonċernati,
  - (b) il-kapaċità ta' faċilitajiet ta' ħażna;
  - (c) il-livell ta' attivitajiet.
2. Il-Bulgarija u r-Rumanija it-tnejn għandhom jużaw is-sistema ta' identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sabiex iġiegħlu l-operaturi kkonċernati jeliminaw mis-suq, bi spejjeż tagħhom stess, kwantità ekwivalenti ta' zokkor jew isoglukożju ekwivalenti għall-kwantità individwali żejda tagħhom.

#### *Artikolu 11*

##### *L-eliminazzjoni ta' kwantitajiet żejda*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija it-tnejn għandhom jiżguraw l-eliminazzjoni mis-suq, mingħajr intervenzjoni mill-Komunità, ta' kwantità ta' zokkor jew ta' isoglukożju ugwali għall-kwantità żejda msemmija fl'Artikolu 9(1), sa mhux iktar tard mit-30 April 2008.
2. L-eliminazzjoni ta' kwantitajiet żejda determinati skond l-Artikolu 9 għandha ssir mingħajr għajjnuna mill-Komunità, skond il-metodi li ġejjin:
  - (a) permezz ta' l-esportazzjoni mill-Komunità minn operaturi identifikati, mingħajr għajjnuna nazzjonali;
  - (b) permezz ta' l-użu fis-settur ta' affarijiet li jgħaddu minn proċess tal-ħruq;

- (c) permezz ta' denaturazzjoni mingħajr għajjnuna għall-għalf ta' l-annimali skond it- Titoli III u IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 100/72<sup>10</sup>.
3. Meta fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija, il-kwantitajiet totali determinati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 9(1) jeċċedu l-kwantitajiet totali identifikati skond l-Artikolu 10, il-Bulgarija u r-Rumanija, skond kif jixraq, għandhom jiġu mmultati ammont ugwali għad-differenza bejn dawk il-figuri [f'zokkor abjad jew f'materja xotta ekwivalenti] immultiplikata bl-ogħla differenza pożittiva bejn EUR 631.9 għal kull tunnellata u l-medja tal-kwotazzjonijiet għax-xahar taz-zokkor abjad osservata fis-suq tal-*futures* ta' Londra Nru. 5 fl-eqreb medda matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' April 2008. Dak l-ammont għandu jiġi assenjat fil-baġit Komunitarju sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.

### Artikolu 12

#### *Il-provi ta' l-eliminazzjoni mill-operaturi*

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2008, l-operaturi kkonċernati għandhom jipprovdu provi, li jissodisfaw lill-Bulgarija u lir-Rumanija, kif jixraq, li skond l-Artikolu 11(2), u a skapitu tagħhom stess, eliminaw il-kwantitajiet żejda individwali tagħhom taz-zokkor u ta' l-isoglużju identifikati bis-saħħa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10.
2. Meta z-zokkor jew isoglukożju huwa eliminat skond l-Artikolu 11(2)(a), il-prova ta' l-eliminazzjoni għandha tikkonsisti minn:
- (a) liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000<sup>11</sup> u (KE) Nru 951/2006<sup>12</sup>;
- (b) id-dokumenti rilevanti msemmija fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 meħtieġa għar-rilaxx tal-garanzija.

L-applikazzjoni għal-liċenzja ta' esportazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandha tinkludi fl-artikolu 20 l-indikazzjoni li ġejja:

"għal esportazzjoni skond l-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006."

Il-liċenzja ta' esportazzjoni għandha tinkludi fl-artikolu 22 l-indikazzjoni li ġejja:

"għall-esportazzjoni mingħajr rifużjoni ..... (il-kwantità li għaliha din il-liċenzja nħarġet) kg;"

Il-liċenzja ta' esportazzjoni għandha tkun valida mid-data tal-ħruġ tagħha sat-30 ta' April 2008.

<sup>10</sup> ĠU L 12, 15.1.1972, p. 15.

<sup>11</sup> ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

3. Fil-każ li ma tingħatax prova ta' eliminazzjoni skond il-paragrafi 1 sa 2, il-Bulgarija jew ir-Rumanija, kif jixraq, għandhom jimmultaw l-operatur ikkonċernat b'ammont ugwali għall-kwantità żejda individwali, identifikata permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10, immultiplikata b'EUR 500 għal kull tunnelata [fi zokkor abjad jew materja xotta ekwivalenti]. Dan l-ammont għandu jiġi assenjat fil-baġit nazzjonali tal-Bulgarija u tar-Rumanija, kif jixraq.

### *Artikolu 13*

#### *Il-prova ta' l-eliminazzjoni minn Stati Membri ġodda*

1. Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awwissu 2008, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jipprovdu prova lill-Kummissjoni, li l-kwantità żejda msemija fl-Artikolu 9(1) kienet eliminata mis-suq Komunitarju b'konformità ma' l-Artikolu 1(2) u għandhom jispeċifikaw għal kull metodu l-kwantità eliminata.
2. Fil-każ li l-prova ta' eliminazzjoni mis-suq Komunitarju ma tiġix ipprovduta skond il-paragrafu 1, għall-kwantità żejda kollha jew parti minnha, il-Bulgarija u/jew ir-Rumanija, kif jixraq, għandhom jiġu mmultati b'ammont ugwali għall-kwantità mhux eliminata mmultiplikata bl-ogħla-differenza pożittiva bejn EUR 631.9 għal kull tunnellata u l-kwotazzjoni medja fix-xahar taz-zokkor abjad osservata fis-suq ta' *futures* ta' Londra Nru. 5 għaz-zokkor abjad fl-eqreb medda, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' April 2008, f'zokkor abjad jew materja xotta ekwivalenti, li minnu jiġi mnaqqas kwalunkwe ammont immultat b'konformità ma' l-Artikolu 11(3).

Dan l-ammont għandu jiġi assenjat fil-baġit Komunitarju sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.

L-ammonti msemija fis-subparagrafu preċedenti u fl-Artikolu 11(3) għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament 318/2006 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2008 fuq il-bażi tal-komunikazzjonijiet li jkunu saru mill-Bulgarija u mir-Rumanija b'konformità ma' paragrafu 1.

### *Artikolu 14*

#### *Il-kontroll*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jstabbilixxu b'mod partikolari l-proċeduri ta' kontroll li jirriżultaw neċessarji għall-eliminazzjoni tal-kwantità żejda msemija fl-Artikolu 9(1).
2. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2007:
  - (a) l-informazzjoni dwar is-sistema stabbilita għall-identifikazzjoni ta' kwantitajiet żejda msemija fl-Artikolu 10;

- (b) il-kwantitajiet ta' zokkor, isoglukożju, fruktows u prodotti pproċessati importati u esportati kull xahar għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006, komunikati separatament għall-importazzjonijiet minn u għall-esportazzjonijiet lejn
- (i) il-Komunità kif kostitwita fil-31 ta' Diċembru 2006,
  - (ii) il-Bulgaria jew ir-Rumanija, kif jixraq, u
  - (iii) pajjiżi terzi oħrajn;
- (c) (ċ) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006, il-kwantitajiet ta' zokkor u ta' isoglukożju prodotti kull sena, imqassma, skond il-każ, permezz ta' produzzjoni taħt il-kwota u barra mill-kwota, raffinati minn zokkor mhux maħdum importati u kkunsmati kull sena;
- (d) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2006, il-ħażniet ta' zokkor u ta' isoglukożju miżmuma fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

### **KAPITOLU 3**

### **DISPOŻIZZJONI FINALI**

*Artikolu 15*  
*Id-dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss soġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
*Mariann FISCHER BOEL*  
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNEX I***Numri ta' l-ordni**

Kwota ta' importazzjoni għall-importazzjonijiet	Numru ta' l-ordni
Il-Bulgarija	09.4365
Ir-Rumanija	09.4366

**ANNEX II**

A. Annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(3)(b):

— : **Преференциална сурова захар, предназначена за рафиниране, внесена съгласно член 3, параграф 1 от Регламент (ЕО) № XXX/2006 (настоящия регламент!). Пореден номер на квотата (да бъде вписан съгласно Приложение I)**

— *bl-Ispanjol:*

— *biċ-Ċek:*

— *bid-Daniż:*

— *bil-Ġermaniż:*

— *bl-Estonjan:*

— *bil-Grieg:*

— *bl-Ingliż:* **Zokkor mhux maħdum preferenzjali għar-raffinar, importat skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru XXX/2006 (referenza għal dan ir-regolament!). Nru ta' l-ordni (in-numru ta' l-ordni għandu jiddaħħal skond l-Anness I)**

— *bil-Franċiż:*

— *bit-Taljan:*

— *bil-Latvjan:*

— *bil-Litwan:*

— *bl-Ungeriż:*

— *bil-Malti:*

— *bl-Olandiż:*

— *bil-Pollakk:*

— *bil-Portugiż:*

— *bir-Rumen:* **Zahăr brut preferențial destinat rafinării, importat în conformitate cu articolul 3 alineatul (1) din Regulamentul (CE) nr. XXX/2006 (referința la acest regulament!). Nr. de serie (numărul de serie se va introduce conform anexei I)**

— *bis-Slovakk:*

— *bis-Sloven:*

— *bil-Finlandiż:*

— *bl-Iżvediż:*

**B. L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(3)(c):**

— *bil-Bulgaru:* Внос при мито от 98 EUR за тон сурова захар със стандартно качество съгласно член 3, параграф 1 от Регламент (ЕО) № XX/2006 (*настоящия регламент!*). Пореден номер на квотата (да бъде вписан съгласно Приложение I)

— *bl-Ispanjol:*

— *biċ-Ċek:*

— *bid-Daniż:*

— *bil-Ġermaniż:*

— *bl-Estonjan:*

— *bil-Grieg:*

— *bl-Ingliż:* Importazzjoni ta' zokkor mhux maħdum ta' kwalità standard bid-dazju ta' EUR 98 għal kull tunnellata skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru XX/2006 (*referenza għal dan ir-regolament!*). Nru ta' l-ordni (in-numru ta' l-ordni jiddaħħal skond l-Anness I)

— *bil-Franċiż:*

— *bit-Taljan:*

— *bil-Latvjan:*

— *bil-Litwan:*

— *bl-Ungeriż:*

— *bil-Malti:*

— *bl-Olandiż:*

— *bil-Pollakk:*

— *bil-Portugiż:*

— *bir-Rumen:* Importat la o taxă de 98 EUR per tona de zahăr brut de calitate standard în conformitate cu articolul 3 alineatul (1) din

***Regulamentul (CE) Nr. XX/2006 (referința la acest regulament!).  
Nr. de serie (numărul de serie se va introduce conform Anexei I)***

— *bis-Slovakk:*

— *bis-Sloven:*

— *bi-Finlandiż:*

— *bi-Iżvediż:*